31997R0288

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 288/97
tas-17 ta' Frar 1997
li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni u li jħassar numru ta' regolamenti dwar klassifikazzjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u statistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif emendata l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2493/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi hu diffiċli tiddistingwi bejn xi zlazi b'bażi ta' ħxejjex li jaqgħu taħt l-intestatura 2103; billi, biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda, għandha ssir dispożizzjoni li tiddistingwi bejn iż-żewġ gruppi ta' prodotti; bl-imsemmijin zlazi normalment ikunu f'għamla ta' likwidi, emulsjonijiet jew sospensjonijiet bi ftit ferm materja solida li tidher; billi l-kriterju adattat biex issir din id-distinzjoni jista' jkun billi dawn jgħaddu minn għarbiel b'toqob ta' ċertu daqs;

Billi nota addizzjonali għandha tiddaħħal fil-Kapitolu 21 tan-nomenklatura magħquda u l-emendi korrispondenti li saru għall-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87;

Billi r-regolamenti jew partijiet mir-regolamenti li qabel kienu jservu biex dawn il-prodotti jkunu klassifikati fuq il-bażi ta' kriterji għajr li jiġu mgħoddija minn għarbiel tal-fildiferru, jiġifieri r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 314/90 [3], (KEE) Nru 3044/90 [4] u (KE) Nru 3055/94 [5], għandhom jiġu mħassra;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tat-Taqsima dwar in-Nomenklatura tat-Tariffa u l-Istatistika tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Kapitolu 21 tan-nomenklatura magħquda anness mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 hu hawnhekk emendat kif ġej:

1. in-nota addizzjonali li ġejja għandha tiddaħħal:

   "1. Għall-finijiet tas-subintestaturi 2103 20 00 u 2103 90 90, l-espressjoni 'zlazi' ma tkoprix preparazzjoni ta' ħxejjex, frott jew partijiet oħra li jittieklu ta' pjanti jekk il-perċentwal ta' dawn l-ingredjenti li jgħaddu minn għarbiel tal-fildiferru, b'toqob ta' 5 mm, ikun, wara t-tlaħliħ fl-ilma b'temperatura ta' 20 °Ċ, inqas minn 80 % fil-piż, kkalkolat fuq il-preparazzjoni oriġinali.";

2. In-noti addizzjonali 1 sa 4 għandhom jerġgħu jiġu numerati 2 sa 5.

Artikolu 2

Il-Punt 2 ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 314/90, il-punt 1 ta' l-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 3044/90 u r-Regolament (KE) Nru 3055/94 huma hawnhekk imħassra.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Frar 1997.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(2) ĠU L 338, tat-28.12.1996, p. 27
(3) ĠU L 35, tas-7.2.1990, p. 9.
(4) ĠU L 292, ta' l-24.10.1990, p. 5.
(5) ĠU L 323, tas-16.12.1994, p. 8.